# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 29 ta' Ottubru, 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**
**(Spettur Roderick Spiteri)**
**vs**
**Julian Bonnici**

**Drogi Nru: 46/2018**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Julian Bonnici, u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 466597M.

Akkuzat talli nhar it-23 ta' Marzu, 2016 u/jew fil-jiem u l-gimghat ta' qabel din id-data, f'San Pawl il-Bahar u/jew f'postijiet f'dawn il-gzejjer

1. Ikkoltiva il-pjanta Cannabis;
2. U aktar talli bl-istess zmien u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu il-

Rat l-Ordni ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat l-atti processwali.

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunisdrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentment pruvati.

Illi dwar l-piena hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghom qed jinstab hati l-imputat min-naha u min-naha l-ohra l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-amissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, l-eta ta' l-imputat u l-fedina penali netta tieghu. Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll il-bzonn li ghandu l-imputat ta' ghajnuna biex jeghleb il-vizzju tad-droga u l-fatt li huwa jidher lest li jibda jindirizza din il-problema.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 8(c)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u fil-waqt li tikkundannah multa ta' hames mitt Euro (€500) b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 537 tal-Lihgijiet ta' Malta u l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tmintax il-xahar bil-kundizzjonijiet elenakti f'l-ordni mghoti kontestwalment inkluz dik li jibda u jkompli sa tmiemu programm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fiz-zmien prefiss.

Il-Qorti qed tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta'l-ufficju tal-Probation u Parole.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**